MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Numru. 86/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**Vs**

**Anthony Grech ta' 52 sena bin Carmel u Mary nee' Portelli imwieled Nadur, Ghawdex fid-09 ta' April 1955 u joqghod Pace Flats Flat 2, Triq l-Isqof Baldassare Cagliares, Qala u li ghandu karta ta'l-identita' numru 25155(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Grech akkuzat talli:
1. fl-1 ta' Awissu 2007 ghal habta tal-10:00A.M. gewwa n-Nadur, Ghawdex ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel

dan is-servizz jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.
2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-eskeuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni skond il-ligi mill-awtorota kompetenti.
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) izda aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) ghad-detriment tal-MEPA.
4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku bl-ghajjat u l-glied.
u aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghedt kliem oxen fil-pubbliku.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-18 ta' Ottubru 2007 mahrug ai termini ta'l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti jirrizulta illi fil-gurnata mertu tal-kawza, xi ufficjali mill-Awtorita ghall-Ambjent u l-Ippjanar kienu accedew fuq is-sit maghruf bhala "Ta' Kenuna" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, sabiex jezegwixxu azzjoni ta' infurzar ghall-izgumbrar ta' xi ingenji proprjeta tas-socjeta Said Constructions li kienu qed jokkupaw dana is-sit. Jirrizulta mill-atti processwali illi dana is-sit kien f'idejn il-konjugi Emanuel u Josephine Said li kienu hallew lill-ahwa Peter Paul Said u Josef Said juzaw dina l-art in konnessjoni max-xoghol taghhom fil-kostruzzjoni. Madanakollu kienet inqalghet kwistjoni ma'l-Awtorita' ghall-Ippjanar ghar-rigward ta' dana is-sit u ghalhekk bdiet tittiehed azzjoni min-naha ta'l-Awtorita billi anke inhargu xi avvizi ghall-infurzar u dana ghall-ghan li l-art tigi imnaddfa. Jidher illi il-konjugi Said irnexxielhom

jottjenu mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta'l-Awtorita, mill-Qorti Civili f'Ghawdex u dana sabiex l-Awtorita tigi imwaqqfa milli taghmel kull tip ta' xoghol fuq l-imsemmija art u dana sakemm jigi determinat mill-qorti jekk il-konjugi Said kellhomx xi drittijiet fuq dina l-art. Id-digriet tal-Qorti igib id-data tat-3 ta' Mejju 2007. Fil-gurnata indikata fl-akkuza, jidher illi l-ufficjali mill-Awtorita' accedew fuq is-sit in kwistjoni, kif inghad iktar 'il fuq, u dana ghaliex dehrilhom illi huma setghu jaghmlu dana peress illi l-iskop tad-direct action kienet illi jinghalaq l-access ghal dana is-sit u mhux li isiru xi xogholijiet fuq dana is-sit. Dana jirrizulta mix-xhieda ta' Ivor Robinich (fol.22 tal-process) li ighid: "L-iskop tad-direct action kien sabiex jinghalaq l-access ghal dan is-sit. Niftakar li l-azzjoni kienet fis-sens li kien hemm dahla cioe' kien hemm passagg li kien madwar hmistax-il pied wiesgha li ahna bblokkajnieha bi blokki tal-konkrit. … niftakar illi l-mandat kien fis-sens illi kien qed izomm lill-Awtorita' milli tidhol gewwa dan is-sit u jitnehha t-terrapien li kien jinstab go dan is-sit. Fil-fatt nghid li l-awtorita' fl-ebda mument ma rifset gewwa s-sit. L-iskop kien biss li jinghalaq l-access kif ghadni kemm xhedt u ghalhekk ahna bqajna fil-parametri tal-mandat." Mistoqsi imbaghad jekk fil-fatt dana l-access jifformax parti mis-sit, l-istess xhud iwiegeb u ighid illi huwa ma jafx u mhux kompetenti li iwiegeb ghal dina l-mistoqsija." Illi kien minhabba f'dana illi inqala argument li wassal ghall-akkuzi mertu ta' dina l-kawza. Dana ghaliex filwaqt illi l-imputat flimkien ma' Peter Paul u Josef Said bdew jargumentaw illi l-mandat ma kienx qed jigi osservat mill-ufficjali ta'l-Aworita', l-istess ufficjali dehrilhom illi bix-xoghol li kien qed isir minnhom, huma bl-ebda mod ma kienu qed imorru kontra d-dettami tad-digriet tal-Qorti.

Kien f'dana l-argument ghalhekk li inqala bejn il-partijiet, li l-imputat kien aggressiv, tant illi hebb ghal Ivor Robinich u anke kissirlu camera tar-ritratti li dana ta'l-ahhar kellu f'idejh.

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali. Issa dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn jikkontemplaw reati kommessi kontra ufficjal pubbliku, huma zewg reati ben

distinti minn xulxin u l-elementi ta' kull wiehed minnhom ghandhom karatteristici unici. Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. (ara The Police vs John Shayer et deciza fl-14 ta' Novembru 1959, Police vs Joseph Polidano – 7 ta' Frar 1966 Il-Pulizija vs Carmelo Zammit – 23 November 1959 fost ohrajn) "*The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the Criminal Code* (illum 95 u 96) *does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only in the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed Section 94* (illum 95) *states "while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty,' whilst section 95* (illum 96) *requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority*." (Police vs A.B. Michael Locking deciza 3 ta' Ottubru 1966).

Illi ghalhekk filwaqt illi ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 huwa reat ta' oltragg lil ufficjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tieghu jew minhabba li ikun qieghed jaqdi tali servizz, l-artikolu 96 jipotizza r-reat ta' attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed tagixxi <u>ghall-esekuzzjoni tal-ligi,</u> jew <u>ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita kompetenti</u>. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan *is-servizz,* jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-*esekuzzjoni ta' dana is-servizz*. (ara sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali – 9 Settembru 2002)

Il-Qorti hija tal-fehma illi dana kien incident sfortunat li seta' jigi evitat bil-kelma it-tajba minflok ittiehdet azzjoni ta' infurzar mill-Awtorita meta kien hemm mandat ta' inibizzjoni pendenti u l-partijiet kienu ghadhom qed jistennew id-decizjoni tal-Qorti f'dana ir-rigward. Illi ghal dina r-raguni, l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat taht dak dispost fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali u dana peress illi

hemm dubbju dettat mir-raguni kemm l-ufficjali ta'l-Awtorita setghux jipprosegwu bid-direct action meta fil-fatt kien hemm mandat ta' inibzzjoni pendenti fil-konfront taghhom. Illi fil-fatt il-prosekuzzjoni naqsset milli tezebixxi l-avviz ta'l-infruzar u dana sabiex l-Qorti setghet tara ezattament l-ordni moghtija mill-Awtorita x'kienet tghid u jekk fil-fatt dina kenitx tmur kontra dak li ighid il-mandat jew le!

Illi maghdud dana kollu, madanakollu, l-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-imgieba ta'l-imputat. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi kemm Ivor Robinich kif ukoll Ronnie Vella huma ufficjali ma'l-Awtorita ghall-Ambjent u l-Ippjanar u li fil-gurnata in kwistjoni huma kienu qeghdin jagixxu f'dina il-kapacita u fuq ordni moghtija mill-istess Awtorita'. Illi mill-provi irrizulta ampjament ippruvat illi l-imputat kien aggressiv fil-konfront ta'l-ufficjali tal-MEPA, beda igholli lehnu maghhom. F'hin minnhom l-imputat sahanistra qabad camera tar-ritratti li kellu Robinich f'idejh, waddabha ma' xi hajt bil-konsegwenza li dina inkissret. Jidher illi anke qabad lil dana Robinich minn ghonqu, tant illi kellhom jintervjenu xi pulizija. Dana fost hafna ghajjat, storbju u kliem dispreggativ u ta' theddid. Dana huwa ikkonfermat kemm minn Ivor Robinich innifsu, kif ukoll mill-ufficjali tal-pulizija li kienu prezenti. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' PS369 Joseph Mizzi (Fol.47 tal-process), illi anke il-haddiema tal-kuntrattur li kienu prezenti bezghu tant illi l-istess surgent kellu jikkalmah. Fuq kollox mill-provi jirrizulta illi s-sit in kwistjoni kienet tappartjeni lil Emanuel u Josephine Said kif inghad iktar 'il fuq u li ghalhekk l-istess Anthony Grech ma kellu l-ebda involviment f'dina il-kwistjoni. Ghalhekk l-azzjonijiet tieghu certament ma humiex gustifikati. Illi ghalhekk minn dawna l-fatti jidher illi l-ewwel akkuza hija ampjament ippruvata u cioe' r-reat ravvizat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali.

Illi ghar-rigward tat-tielet akkuza tal-hsara volontarja, dina ukoll tirrizulta ampjament ippruvata, u dana peress illi il-maggior parti tax-xhieda mismugha kollha jindikaw illi fil-fatt dina l-camera tkissret b'konsegwenza ta'l-agir ta'l-imputat. Del resto lanqas l-imputat ma jidher li qed

jikkontesta dana il-fatt kif irrizulta mit-trattazzjoni orali li saret mill-abbli difensur tieghu. Illi ghar-rigward ta'l-valur tal-camera tar-ritratti li inkissret f'dana l-incident, irrizulta mid-Dokument AG5 esebiet a fol.41 tal-process kif ikkonfermat mill-istess Ivor Robinich, illi dina l-camera tar-ritratti li giet akkwistata ftit xhur qabel l-incident kienet tiswa Lm72 ekwivalenti ghal 167.71 ewro.

Illi l-istess jista' jinghad ghar-rigward ta'l-ahhar zewg akkuzi. Ix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni kollha jidnikaw illi l-imputat beda jaghmel l-istorbju u jargumenta oltre l-fatt illi beda ighid hafna kliem baxx. Illi l-Qorti ma tistax taghti piz ghalhekk lix-xhieda ta' Josef Said u Peter Paul Said imressqa mid-difiza meta huma ighidu li l-uniku kliem li bdew ighidu kien li kienu ser joqtluhom bil-guh. Certament illi l-atmosfera kienet wahda mimlija tensjoni u ghalhekk bil-fors illi kemm l-imputat kif ukoll l-ahwa Said kienu agitati fl-imgieba taghhom u kienu anke aggressivi. Tant hu hekk illi anke Reuben Said ighid illi meta wasal fuq il-post huwa beda jipprova ighin sabiex jikkalma is-sitwazzjoni, kif fil-fatt ghamel, sitwazzjoni ghalhekk li tidher li kienet wahda kemmxejn turbolenti meta wasslu fuq il-post l-imputat u l-ahwa Said.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora ir-retroxena ta' dana il-kaz. Filwaqt illi kif diga inghad, il-Qorti ma tistax titollera dina it-tip ta' imgieba u tikkundannaha bis-shih iktar u iktar meta issir fuq ufficjali pubblici li ikunu qed jaqdu dmirhom, madanakollu piena karcerarja effettiva ma hijiex ideonja ghal dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 325(1)(b), 338(bb), 338(dd), u 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lil-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 532A tal_Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati ihallas s-somma ta' €167.71 lill-Awtorita ghall-Ambjent u l-Ippjanar u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------